Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex l-anzjani, imwieżna mill-familji u mill-komunitajiet Insara, jgħinu bl-għerf u l-esperjenza tagħhom biex tinxtered il-fidi u jkunu ffurmati l-ġenerazzjonijiet ġodda.



**Qari*: Minn diskors ta' Papa Frangisku lill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Ħaddiema Anzjani***

Il-Knisja tħares lejn il-persuni anzjani b'imħabba, rikonoxxenza u stima kbira. Huma jiffurmaw parti essenzjali mill-komunità nisranija u mis-soċjetà. B'mod partikolari huma jirrappreżentaw l-għeruq u l-memorja ta' poplu. Intom preżenza importanti għax l-esperjenza tagħkom hi teżor prezzjuż, indispensabbli, biex inħarsu lejn il-futur bit-tama u r-responsabbiltà. Il-maturità u l-għaqal tagħkom, miġburin tul is-snin, jistgħu jkunu ta' għajnuna għaż-żgħar u ż-żgħażagħ għax ikunu għalihom ta' sapport fit-trobbija u l-ftuħ lejn il-futur, u biex ifittxu triqthom. Infatti, l-anzjani huma xhieda li anki fil-provi l-aktar diffiċli, qatt m'għandha tintilef il-fiduċja f'Alla u f'futur aħjar. Huma bħas-siġar li jkomplu jagħtu l-frott; u minkejja t-tagħbija tas-snin, jistgħu jagħtu s-sehem oriġinali tagħhom biex is-soċjetà tistagħna bil-valuri u biex tkun affermata l-kultura tal-ħajja.

Mulej, inti ħlaqt lill-bniedem u għamiltu xbieha tiegħek.
Int ma tagħżilx bejn fqir u sinjur jew bejn żagħżugħ u anzjan,
għax għalik aħna lkoll uliedek.
Inti tħobbna lkoll indaqs u biex tassigurana għidtilna:
*Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha?*
*Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt!* (Is:49:15)
Sfortunatament Mulej, is-soċjetà tal-lum inbidlet wisq
u qed ngħixu f'dinja fejn il-bniedem dejjem irid xi ħaġa ġdida,
f'dinja fejn il-bniedem jinqeda bl-oġġetti u mbagħad jarmihom,
f'dinja fejn il-valuri li kienu jħaddnu missirijietna m'għadhomx jeżistu.
Xi tħoss int Mulej, meta tara anzjani li qed jiġu mwarrba,
li jħossuhom waħedhom u xi kultant lanqas m'huma stmati u rrispettati?

Tgħid x'għad tgħidilna meta nidhru quddiemek?
Tgħid għad iċċanfarna għax bgħatna lill-anzjani tagħna f'*home*
u mbagħad tlaqniehom weħedhom u lanqas biss morna nżuruhom!
Il-Papa jgħid li "Il-Knisja tħares lejn il-persuni anzjani
b'imħabba, rikonoxxenza u stima kbira."
U aħna kif inħarsu lejn l-anzjani, b'disprezz?.... narawhom bla valur?
U nitilfu l-paċenzja magħhom meta forsi jagħmlu l-affarjiet bil-mod,
jew juru opinjoni differenti minn tagħna?
Għalhekk il-Papa qed jistedinna biex nirriflettu matul dan ix-xahar
u naħsbu ftit fl-anzjani, sew dawk attivi, kif ukoll dawk li jinsabu morda.
Hu jixtieq li aħna lkoll nitolbu sabiex l-anzjani,
imwieżna mill-familji u mill-komunitajiet Insara,
jgħinu bl-għerf u l-esperjenza tagħhom
biex tinxtered il-fidi u jkunu ffurmati l-ġenerazzjonijiet ġodda.

**KANT**

***Qari: Mill-udjenza ġenerali fi Pjazza San Pietru f'Marzu 2015***

Meta Marija u Ġużeppi waslu fit-Tempju biex iwettqu dak li kienet titlob minnhom il-Liġi, Xmun u Anna minnufih qabżu minn posthom, immexxija mill-Ispirtu s-Santu (Lq 2:27). U f'waqt wieħed għebu t-toqol tal-età u tal-istennija! Huma għarfu t-Tarbija, u skoprew qawwa ġdida, għal ħidma ġdida: li jroddu ħajr u jagħtu xhieda għal dan is-Sinjal ta' Alla. Xmun infexx f'innu mill-isbaħ ta' ferħ (ara Lq 2:29-32) – sar poeta f'dak il-ħin – u Anna saret l-ewwel predikatriċi ta' Ġesù: "bdiet titkellem fuq it-tarbija ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Ġerusalemm" (Lq 2:38).
Għeżież nanniet, għeżież anzjani, ejjew nimxu fuq l-istess passi ta' dawn ix-xjuħ straordinarji! Insiru aħna wkoll xi ftit poeti tat-talb: nieħdu gost nagħżlu l-kliem tagħna, nagħmlu tagħna dak li tgħallimna l-Kelma ta' Alla. Hu don kbir għall-Knisja, it-talb tan-nanniet u tal-anzjani! It-talb tal-anzjani u tan-nanniet hu don għall-Knisja, hu għana kbir! Injezzjoni kbira ta' għerf anki għas-soċjetà umana kollha kemm hi: fuq kollox għal dik li hi wisq medhija, wisq imħabbta, wisq aljenata. Xi ħadd irid jgħanni, anki għalihom, xi ħadd irid jgħanni s-sinjali ta' Alla, iħabbar is-sinjali ta' Alla għalihom!

Mulej, is-soċjetà tal-lum qed tagħtik il-ġenb,
qed twarrab il-messaġġ tiegħek li minnu nnifsu jagħtina l-ħajja,
u allura l-ġenerazzjoni tal-lum ma tapprezzax il-valur tat-talb,
u wisq iżjed dak li qal il-Papa Franġisku
li t-talb tan-nanniet u tal-anzjani hu don għall-Knisja u għalina lkoll.
Fil-Ktieb ta' Bin Sirak hemm miktub: *"Tonqosx tagħti kas ta' kliem ix-xjuħ,*
*għax huma wkoll tgħallmu mingħand missirijiethom;*
*minn għandhom titgħallem tkun bil-għaqal,*
*u meta jenħtieġ, tkun tista' tagħti tweġiba"* (Sir 8:9).
X'ħasra Mulej, li ħafna nies illum iħarsu lejn l-anzjani bħala skaduti,
bla valur u ta' min iwarrabhom u ta' min jeħles minnhom.
Kemm hi kiefra Mulej din l-attitudni!
U kemm huma ta' min jitħassarhom lil dawk l-anzjani li quddiem
l-indifferenza u l-ingratitudni tas-soċjetà u tal-familjari tagħhom,
jitilfu s-sens tax-xhieda tagħhom,
jiddisprezzaw liż-żgħażagħ u ma jxerrdux l-għerf tal-ħajja!
Agħmel Mulej li l-anzjani, bl-inkuraġġiment tagħhom,
jirnexxilhom jittrasmettu tama u fiduċja fil-futur
liż-żgħażagħ li qed ifittxu s-sens tal-fidi u tal-ħajja.
Mulej nitolbok sabiex tħeġġeġ lill-anzjani biex huma
juru bl-eżempju dak li tgħallmu mill-kelma tiegħek.
Agħtihom id-dehen sabiex jaqsmu mal-ġenerazzjoni żagħżugħa
l-ferħ, is-saħħa, it-tama u l-paċi li int dewwaqthom matul ħajjithom.
Għin lilna Mulej ħalli nitgħallmu napprezzaw
l-għerf u l-esperjenza tal-anzjani,
ħalli t-tfal u ż-żgħażagħ jisimgħu l-pariri tagħhom
u jitgħallmu mingħandhom valuri sprirtwali u reliġjużi,
biex b'hekk ikunu jistgħu jħarsu lejn il-futur bit-tama u r-responsabbiltà,
u jibdew jgħixu ħajja iktar serena, mimlija bil-paċi u bis-sliem,
li l-għaqda miegħek biss taf tagħti.
Mulej, kemm hawn anzjani li jwettqu ħidma
bħala nanniet man-neputijiet tagħhom,
u huma xhieda u eżempju ta' mħabba, ta' dedikazzjoni u għaqal.
Għinna nifhmu li, permezz tax-xhieda tal-ħajja tagħhom,

huma jkunu qed jgħallmu lin-neputijiet tagħhom
li hemm iżjed ferħ f'li tagħti milli f'li tirċievi.

**Kant**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbok Mulej għall-anzjani kollha biex tagħtihom is-saħħa u l-enerġija biex ikomplu jikkontribwixxu fis-soċjetà u biex jissaħħu u jsaħħu lil ħaddieħor b'kull mod possibbli.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għal dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani morda fil-*homes* u fl-isptarijiet, sabiex il-Mulej jagħtihom l-imħabba u l-paċenzja biex huma japprezzaw il-valur tal-anzjani u juruhom l-imħabba u r-rispett li jixirqilhom.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għal dawk l-anzjani li jħossuhom imwarrba u weħidhom sabiex huma jagħmlu l-kuraġġ u jsibu għajnuna u serħan fil-Mulej u fil-ħbiberija tagħhom ma' ħuthom l-anzjani.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu wkoll għall-anzjani ħalli jrroddu ħajr lill-Mulej għall-ġid li rċevew, u biex bl-eżempju u bil-pariri tagħhom ifakkru liż-żgħażagħ ambizzjużi li ħajja mingħajr imħabba hi ħajja niexfa.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għalina lkoll ħalli napprezzaw il-fatt li ħafna anzjani jużaw il-ħin u t-talenti li Inti tajthom, billi b'ġenerożità huma jagħmlu xogħol volontarju, jaħdmu fil-parroċċi tagħna u jgħallmu l-katekiżmu.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għas-soċjetà tal-lum li fil-konfront tax-xjuħija addottat mentalità ta' nuqqas ta' sabar, u ħafna drabi ta' indifferenza u ta' disprezz. Agħtina d-dehen Mulej, sabiex inqajmu mill-ġdid is-sens kollettiv ta' gratitudni, ta' apprezzament, ta' ospitalità lil min hu anzjan u sabiex ngħinu lill-anzjani jħossuhom parti ħajja mill-komunità fejn jgħixu.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.